# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Mejju, 2023**

**Numru 12**

**Rikors Numru 754/22TA**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs**

**Ronald Galea (KI 274072M) u**
**Sarah Galea (KI 216373M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-HSBC Bank Malta Plc (Bank Attur) tas-17 ta' Awwissu 2022 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. "Illi in forza ta' kuntratt ta' self u bejgh fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar 28 ta' Ottubru 2010, il-Bank attur ikkonċeda facilita` bankarja ta' self lill-konvenuti fl-ammont kumplessiv ta' mija tnejn u sittin elf erba' mija tmienja u erbghin Ewro (€162,448), u dan abbazi ta' Sanction Letter tas-6 ta' Ottubru 2010 (kif amendata);

2. Illi l-konvenuti, minkejja l-obbligi assunti minnhom u stipulati fil-kuntratt u fis-Sanction Letter imsemmija, naqsu milli jaghmlu dawk il-pagamenti mensili dovuti lis-socjeta` attrici;

3. Illi minkejja diversi ittri u interpellanzi, kif ukoll ittra ufficjali tas-16 ta' Dicembru 2021 notifikata lilhom fit-3 ta' Marzu 2022, li permezz taghha

l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu l-arretrati dovuti fuq il-kont 16111302 (dak relattiv ghal facilita` ta' self) huma baqghu inadempjenti, b'dan illi tilfu l-beneficcju taz-zmien, u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

4. Illi fuq dan il-kont, il-konvenuti huma debituri tal-Bank fis-somma ta' mija u tmintax-il elf hames mija wiehed u tmenin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€118,581.67) rapprezentanti kapital u sitt elef erba' mija sitta u ghoxrin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€6,426.46) rapprezentanti imghaxijiet ikkalkulati sat-18 ta' Lulju 2022.

Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:

(i) **Tiddikjara** illi l-konvenuti Galea huma debituri solidali tal-Bank attur fis-somma ta' mija u tmintax-il elf hames mija wiehed u tmenin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€118,581.67) rapprezentanti kapital u sitt elef erba' mija sitta u ghoxrin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€6,426.46) rapprezentanti imghaxijiet dovuti sat-18 ta' Lulju 2022 kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-19 ta' Lulju 2022 sad-data tal-pagament effettiv;

(ii) **Tikkundanna** lill-istess konvenuti jħallsu, in solidum bejniethom, lill-Bank attur is-somma ta' mija u tmintax-il elf hames mija wiehed u tmenin Ewro u sebgha u sittin centezmu (€118,581.67) rapprezentanti kapital u sitt elef erba' mija sitta u ghoxrin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€6,426.46) rapprezentanti imghaxijiet dovuti sat-18 ta' Lulju 2022 kif fuq spjegat, oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-19 ta' Lulju 2022 sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 16 ta' Dicembru 2021 (Ittra numru 3316/21) u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2022 bin-numru 1018/22, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."

Rat li Ronald Galea u Sarah Galea (il-konvenuti) debitament notifikati skond il-liġi baqgħu ma għamlu ebda risposta ġuramentata.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Rat li fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2023 il-Qorti tat opportunita' lill-konvenuta sabiex jekk trid tippresenta risposta ġuramentata pero' meta reġgħet dehret

fl-udjenza tat-2 ta' Marzu 2023 iddikjarat li ma kienx fl-interess tagħha li tippresenta din ir-risposta.

Semgħet ix-xhieda tar-rappresentant tal-Bank Attur.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi li għandha quddiemha din il-Qorti hija tal-fehma li l-bank Attur irnexxielu jipprova t-talbiet tiegħu. Il-konvenuti għażlu li jibqgħu kontumaċi u saħansitra ma ppresentaw l-anqas nota ta' sottomissjonijiet kif del resto kellhom kull dritt skont il-liġi. Il-Qorti tathom dan id-dritt u ma pprevalewx rwieħhom minnu.

Il-Qorti semgħet lil Dr. Ralph Aguis Fernandez, rappresentant tal-Bank Attur fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2023 li kkonferma li l-ammont li qed jintalab fil-Kawża għadu dovut.

Isegwi għalhekk li din il-Qorti ma tistax tagħmel mod ieħor ħlief li tilqa' t-talbiet Attriċi.

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi u tiddikjara illi l-konvenuti Galea huma debituri solidali tal-Bank attur fis-somma ta' mija u tmintax-il elf ħames mija wieħed u tmenin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€118,581.67) rappreżentanti kapital u sitt elef erba' mija sitta u għoxrin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu

(€6,426.46) rappreżentanti imgħaxijiet dovuti sat-18 ta' Lulju 2022, oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-19 ta' Lulju 2022 sad-data tal-pagament effettiv.

**Tilqa' it-Tieni talba** Attriċi u tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu, in solidum bejniethom, lill-Bank attur is-somma ta' mija u tmintax-il elf ħames mija wieħed u tmenin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€118,581.67) rappreżentanti kapital u sitt elef erba' mija sitta u għoxrin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€6,426.46) rappreżentanti imgħaxijiet dovuti sat-18 ta' Lulju 2022, oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-19 ta' Lulju 2022 sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjes kif mitluba a' karigu tal-konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**